KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 401 (8-29)

It-Tnejn 21 ta' Diċembru 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant (daħal 5.45pm)
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Kulħadd kien preżenti

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**401.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**401.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 400. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**401.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

400.3.3 Is-Sindku qal li l-laqgħa ta' kortesija mal-Ispettur kellha tiġi ikkanċellata minħabba impenji oħra li kellu l-Ispettur.

**401.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**401.3.1** Is-Sindku rrefera għal talba mingħand l-Għaqda tan-Nar San Nikola għal għajnuna finanzjarja biex jittella' spettaklu pirotekniku billejl tal-31 ta' Diċembru 2020. Il-Kunsill ikkunsidra din it-talba fid-dawl tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill, anka peress li din l-ispiża ma kinetx prevista. Is-Sindku qal li filwaqt li hija ħaġa pożittiva li l-Kunsill Lokali jgħin lill-għaqdiet lokali, talbiet simili għandhom ikunu mressqa minn qabel ħalli jiġu kkunsidrati fl-ispejjeż tas-sena. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ġibdet l-attenzjoni li f'dawn l-attivitajiet il-Kunsill ma jistax jagħti donazzjoni iżda għandu jiddiskuti li jkun partner fl-organizazzjoni tal-attivitá. Dan sabiex ikunu mħarsa proċeduri legali tal-Kunsill Lokali. Fid-dawl tas-sitwazzjoni, u anka meta ġie kkunsidrat li l-Kunsill ma kien ta l-ebda għajuna lil din l-għaqda, ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Għaqda u tiġi diskussa aħjar il-proposta u l-*exposure* tal-Kunsill f'din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li t-talba tintlaqa' u l-ispiża tkun inkluża mas-sena finanzjarja 2021.

**401.3.2** Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Għaqda Każin Banda San Nikola u l-korrispondenza relatata rigward it-talba biex l-għaqda tkun involuta fiż-żamma u l-manutenzjoni tal-monument tat-Tabib Nikola Zammit u r-roundabout fejn jinsab, peress li kien il-fundatur tal-istess banda. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed iġib stima għar-restawr tal-monument. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li filwaqt li l-prinċipju tat-talba tal-Għaqda huwa pożittiv, irid ikun hemm ftehim bil-miktub dwar kundizzjonijiet inkluż x'jiġri f'każ ta' negligenza. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li għandu jkun stabbilit b'mod ċar li l-Kunsill Lokali m'huwa bl-ebda mod qiegħed jitrasferixxi ż-żona tal-monument fir-responsabilitá tal-għaqda jew jagħti poteri lill-għaqda tiddeċiedi fuq din iż-żona tal-monument. Il-Kunsill Lokali għandu jibqa' l-entitá li jmexxi u huwa responsabbli miż-żona tal-monument iżda jista' jkun hemm koperazzjoni mal-għaqda fuq inizjattivi jekk l-Għaqda qed toffri li tieħu inizjattiva. Għalhekk, ġie maqbul li ssir laqgħa mal-istess għaqda biex jiġu ċċarati diversi punti u jiġi mfassal *draft* tal-ftehim.

**401.3.3** Is-Sindku rrefera għal komunikat mill-Medina Foundation for Music għal talba għal għajnuna finanzjarja biex jittella kunċert fil-Knisja Parrokjali tas-Siġġiewi fit-30 ta' Jannar 2021. Is-Sindku qal li filwaqt li l-attivita' infisha hija sabiħa u ta portata, l-Kunsill għandu jagħti prijorita' lill-Għaqdiet lokali fejn tidħol għajnuna finanzjarja, anka fid-dawl li t-talba waslet fl-aħħar tas-sena u ma kienetx prevista fin-nefqa. Is-Sindku qal li kunċert simili jista jiġi propost bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi li jmiss. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan.

Il-kunsillier Kurstein Sant daħal għal-laqgħa fis-5.45pm.

**401.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**401.5 Approvazzjoni ta' Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff għas-sena ta' ħidma 2020**

Is-Sindku propona li l-performance bonus lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-impjegati tal-Kunsill għas-sena ta' ħidma 2020 jingħata għall-massimu li tipprovdi l-liġi.
Il-Kunsill qabel unanimament.
Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lit-team amministrattiv tax-xogħol siewi u impenn fi ħdan il-Kunsill għall-ġid tal-komunita', speċjalment f'dan il-perjodu diffiċli tal-pandemija.

**401.6 Tismija ta' toroq – Triq Tar-Remel**

Is-Sindku qal li ġiet riċevuta talba biex it-triq magħrufa bħala Tar-Remel tingħata uffiċjalment isem. Peress li l-imsemmija triq tgħaqqad il-konfini tas-Siġġiewi ma' Ħaż Żebbuġ, kien hemm komunikazzjoni fir-rigward mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ. Is-Sindku qal l-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żebbuġ, f'Seduta tas-7 ta' Diċembru 2020, qabel unanimament li t-triq tingħata l-isem uffiċjali. Is-Sindku ressaq din il-proposta lill-Kunsill għall-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament qabel li jressaq il-proposta quddiem il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq għall-approvazzjoni biex Triq tar-Remel tingħata uffiċjalment l-isem kif dejjem kienet magħrufa.

**401.7 Tenders**

Is-Sindku informa li fis-6 ta' Diċembru 2020, il-kuntrattur li miegħu il-kunsill għandu l-kuntratt tal-Bankini LCS12/18 kien ġie nieqes (miet) . Peress li kien hemm xogħlijiet pendenti, fosthom proġett b'fondi mill-UE, u peress li l-kuntratt kien ma' l-individwu, intalbet il-gwida tal-Avukat f'dan ir-rigward.

Wara li l-Avukat eżamina d-dokument tal-kuntratt iffirmat bejn iż-żewġ partijiet, irrefera għal klawsola 64 tal-Kundizzjonijiet ġenerali u wieġeb li "la darba il-kuntratt kien mal-persuna li ġiet nieqsa, il-Kuntratt ġie terminat awtomatikament. L-eredi tiegħu jistgħu jagħmlu talba biex ikomplu bil-kuntratt li kien hemm mal-mejjet. It-talba trid issir lill-Awtorita' tal-Gvern Ċentrali u l-Kunsill tajjeb li jkun infurmat x'iridu jagħmlu." L-Avukat issuġġerixxa li jsir kuntatt mal-eredi dwar jekk humhiex interessati jkomplu l-Kuntratt, u jekk fl-affermattiv trid tiġi provduta prova li huma l-eredi tal-mejjet.

**401.8 Pożizzjoni dwar talbiet għall-mirja tat-traffiku**

Is-Sindku qal li mir-rekords tal-ilmenti hemm ammont kbir ta' talbiet għall-mirja tat-traffiku kemm ġodda kif ukoll tibdil ta' mirja li nkisru, b'ħafna minnhom għal trejqiet fil-kampanja u għal użu individwali eżempju ħruġ minn għalqa f'żoni rurali. Is-Sindku qal li dawn jitfgħu piż finanzjarju kbir li jista' jiġi allokat għal proġetti oħra. Wara evalwazzjoni tat-talbiet mas-Segretarju Eżekuttiv, ġie stabbilit li meta talba tkun ġustifikata bħal mirja fil-qalba tar-raħal għal użu komuni jew ta' bżonn fundamentali jingħataw prijorita. Is-Sindku qal li għandu jkun hemm policy ċara mill-Kunsill rigward issues ta' siġurta u li jiffaċilitaw is-sewqan, u li għandu jkun hemm kontroll fuq l-installazjoni ta' mirja. Il-Kunsillier Julian Borg staqsa allura x'sa jkunu l-kriterji biex tintlaqa' talba u min ser japprova dawn it-talbiet.

Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li għandu jkun hemm distinzjoni meta talba tkun għall-użu personali li ħa tigwadanja minnha persuna waħda jew għal użu tal-komunita', wara kollox qed nitkellmu fuq fondi pubbliċi.  Hu qal li jekk mera qed tintalab għax wieħed ma jistax jara sew biex joħroġ mill-propjeta tiegħu hija għal użu personali. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit rrimarkat li pero meta wieħed qed jesperjenza periklu biex joħrog mill-propjetá tiegħu, qiegħed jikkawza periklu fit-triq u allura anke lill-pubbliku. Hi qalet li mhux daqshekk faċli li wiehed jaqta' linja dwar sa fejn mera hija għal użu personali u fejn hija periklu għall-pubbliku jekk ma ssirx. Hi pproponiet li jkun hemm diskussjoni mas-sotto kumitat u offriet li tagħti kontribut f'dan l-qasam.  Is-Sindku propona li jinħoloq bord fi ħdan il-Kunsill biex jevalwa dawn it-talbiet u jieħu deċiżjoni.  Huwa propona li l-bord ikun magħmul mis-Sotto Kumitat eżistenti tal-Infrastruttura kif ukoll mill-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit u Julian Borg.  Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**401.9 Post vakat ta' Clerk fuq skala 15 – Rapport tal-Bord**

Is-Sindku preżenta r-rapport tal-evalwazzjoni.  Il-Kunsillier Julian Borg qal li r-rapport fih xi ineżattezzi fil-proċedura u għalhekk ma kienx lest li jiffirmah bħala membru tal-Bord.  Il-Kunsillier Borg preżenta rapport relatat u talab li jiġi anness mar-rapport oriġinali. Is-Sindku talab li ssir reviżjoni tar-rapport fil-preżenza tal-membri kollha tal-Bord biex tittieħed id-deċiżjoni finali dwar ir-rakkomandazzjoni u titressaq fis-Seduta li jmiss.  Il-Kunsill unanimament qabel.

**401.10 Approvazzjoni ta' Assenjar ta' impjegat mal-Kunsill Lokali Siġġiewi**

Is-Sindku qal li peress li l-pożizzjoni preżenti ta' Contracts Manager li kienet ħarġet b'sejħa għal stima daqt tkun eżawrita, qed iressaq proposta biex tiġi assenjata persuna biex taqdi din il-kariga.  Huwa qal li idejalment il-persuna tkun 'Projects Manager' fuq diversi xogħolijiet u implimentazzjoni ta' proġetti u tkun taħt ir-responsabbilta' diretta u tirrispondi lis-Segretarju Eżekuttiv.  Hu qal li l-persuna diga' hija identifikata u se jkun ċertu Christopher Farrugia.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet jekk il-persuna in kwistjoni hix diġa magħżula.  Hija qalet li persuna ta' ċerta responsabilta' fi ħdan il-Kunsill għandna tintagħżel mill-Kunsill skond il-kapaċitajiet u wara talba uffiċjali mill-Kunsill u qalet li ma tistax tifhem kif is-Sindku diġa' ppreċenta isem meta l-Kunsill qed jiġi nfurmat dak il-ħin stess u għall-ewwel darba bil-ħsieb tas-Sindku u l-Gvern li tiġi assenjata persuna mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Is-Sindku qal li b'dan il-mod, il-Kunsill ser jibbenefika minn persuna kwalifikata mingħajr l-ebda piż finanzjarju peress li l-persuna tkun sekondata mill-Ministeru tal-Gvern Lokali.  Is-Sindku ċċara li din il-pożizzjoni mhix ser tkun konflinġenti mal-ebda pożizzjoni attwali fil-Kunsill.

Alessia Psaila Zammit qalet li billi l-Gvern lest iħallas għas-salarju ta' persuna, ma jfissirx li l-Kunsill Lokali għandu fl-għama jaqbad u japprova lil din il-persuna u t-trasferiment. Fakkret li l-Kunsilli Lokali jitmexxew bi prinċipju ta' sussidjarjetá. Dan ifisser li d-deċizjonijiet għandhom ikunu b'deċizjoni tal-Kunsill Lokali u mhux bi qbil bejn is-Sindku waħdu mal-Gvern, u minn wara dahar il-bqija tal-Kunsilliera l-oħra. Hi irrijaffermat li s-Sindku qatt ma kien ressaq din il-materja għad-diskussjoni u li ma tistax tifhem kif dan it-trasferiment diġa' wasal fil-fażi fejn ingħażlet il-persuna, bla ma l-kunsilliera jafu xejn bl-assenjar u t-trasferiment.

Hi staqsiet diversi drabi lis-Sindku jekk jafx lill-persuna magħżula u jekk huwiex l-istess persuna li jkun 'canvasser' miegħu f'attivitajiet u kampanji politiċi. Hi qalet li l-mod ta' kif qed isiru l-proċeduri dwar l-assenjar ta' din l-persuna jixbah iktar *'position of trust'* ta' persuna magħżula mis-Sindku waħdu milli li l-għazla tkun b'deċizjoni mill-Kunsill Lokali kollu. Hi qalet li minħabba dan il-mod ta' kif ġiet magħżula l-persuna u dwar l-istadju avvanzat li diġa' mxew il-proċeduri għat-trasferiment, hi għandha riservi fuq l-assenjar tal-persuna msemmija. Hi qalet li għandha wkoll diversi mistoqsijiet għad-DLG għal kjarifika tal-proċedura u dwar kif sar dan t-trasferiment.

Fost il-mistoqsijiet hi semmiet li għandu jkun kjarifikat mid-DLG dwar minn min ġiet magħżula din il-persuna, x'inhu t-titlu eżatt li ser tiġi assenjata għalih, xi kwalifiki għandha, x'aċċess għal data tal-Kunsill ser ikollha u min għamel it-talba lill-Ministeru għat-trasferiment jekk il-Kunsill kien għadu mhux a konoxxenza.

Is-Sindku preżenta kopja tal-Curriculum Vitae tal-individwu. Il-Kunsillier Kurstein Sant talab li l-Kunsilliera jkollhom kopja tagħha biex ikunu jistgħu jevalwaw.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-kariga ta' Projects Manager għandha ssir b'*call for detailing*, u tirrikjedi kwalifiċi speċifiċi u anka konoxxenza tas-sistema fejn jidħlu proġetti tal-UE. Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit proponiet li l-Kunsill għandu jitlob linja gwida mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar din il-proċedura qabel jikkommetti ruħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat dokumenti riċevuti fuq dan is-suġġett u ċċarat li qabel ikun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill għall-assenjar ta' dan il-ħaddiem, ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni u lanqas għoti ta' *passwords* f'isem il-Kunsill.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia rreferiet għal korrispondenza datata 7 ta' Diċembru 2020, mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn qed tirreferi għat-'talba tal-Kunsill biex individwu speċifiku jiġi sekondat b'effett mid-19 ta' Novembru 2020', u saqsiet minn min saret din it-talba f'isem il-Kunsill jekk il-Kunsill qed jiġi infurmat issa.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li ser tressaq domandi lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiġu mibgħuta lid-DLG għal kjarifika qabel is-Seduta li jmiss. Kien hemm qbil li d-dokumentazzjoni relatata riċevuta s'issa, kif ukoll kopja tal-curriculum vitae tal-persuna tiġi ċċirkolata lil kull Kunsillier biex issir l-evalwazzjoni neċessarja, u l-item terġa titressaq għad-diskussjoni fis-Seduta li jmiss, flimkien mal-kjarifika tad-Direttur Ġenerali.

**401.11** **Mozzjoni "sabiex tiġi ppublikata stqarrija mill-KL li fiha Kunsilliera jiddiżassoċjaw ruħhom minn kummenti ta' tgħajjir lir-residenti li sar mis-Sindku tas-Siġġiewi Dominic Grech, u talba biex is-Sindku jagħmel apoloġija pubblika lir-residenti tas-Siġġiewi".**

**401.11.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv taqra l-mozzjoni.

Mozzjoni:

**Billi ftit ġimgħat ilu, is-Sindku kiteb kumment ta' tgħajjir li jidher f'Dokument A, anness ma' din il-mozzjoni.**

**Billi dan id-kumment tas-Sindku ma jixraqx ir-rwol tiegħu ta' rappreżentant tal-Kunsill Lokali, tar-residenti u tal-lokalità.**

**Billi dan l-kumment, bir-raġun, nissel rabja kbira fost ir-residenti u diżapprovazzjoni li rappreżentant ewlieni tal-Kunsill Lokali u l-lokalità, jgħajjar lir-residenti b'dan il-mod.**

**Billi l-kumment tas-Sindku jbaxxi flok jagħmel ġieħ lill-Kunsill Lokali tas- Siġġiewi.**

**Billi l-aġir u tgħajjir mis-Sindku sar fuq post fil-Facebook dwar materja tal-Kunsill Lokali.**

**Billi t-tgħajjir mis-Sindku jimpatta r-reputazzjoni tal-Kunsill Lokali u tal-kunsilliera b'mod kollettiv.**
**Billi t-tgħajjir mis-Sindku jista' jqajjem mistoqsijiet u dubju mir-residenti dwar jekk dak li nkiteb hux ukoll l-opinjoni tal-kunsilliera kollha.**

**Il-Kunsill Lokali mlaqqa' llum it-Tnejn 21 ta' Dicembru 2020 jirriżolvi li:**
**1. Il-Kunsill Lokali jikkundanna u jiddisassoċja ruħu pubblikament mill-aġir mhux xieraq u t-tgħajjir mis-Sindku fil-konfront tar-residenti.**
**2. Il-Kunsill Lokali jitlob lis-Sindku jagħmel apoloġija pubblika għall-kummenti ta' tgħajjir lir-residenti tas-Siġġiewi.**
**3. Tintbagħat stqarrija mill-Kunsill Lokali lill-media, li tiġi ppublikata wkoll fuq social media (inkluż fil-paġna tal-Kunsill Lokali is-Siġġiewi u l-paġna Siggiewi - Città Ferdinand fejn sar l-kumment ta' tgħajjir mis-Sindku), li tkun tgħid li l-Kunsill Lokali u l-Kunsilliera jikkundannaw u jiddiżassoċjaw ruħhom mill-kummenti ta' tgħajjir mis-Sindku Dominic Grech, fil-konfront tar-residenti, u tiġi annessa magħha l-apoloġija pubblika tas-Sindku lir-residenti.**

Mozzjoni proposta mill-Kunsilliera Dr. Alessia Psaila Zammit u ssekondata mill-Kunsilliera Julian Borg u Francine Farrugia.

**401.11.2** Is-Sindku preżenta dikjarazzjoni bi tweġiba għall-Mozzjoni mressqa.

Dikjarazzjoni kif preżentata.

"B'referenza għall-mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera tal-PN fis-Siġġiewi nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru sabiex jien bħala Sindku tas-Siġġiewi nitlob apoloġija għal kumment li għaddejt ftit tal-ġimgħat ilu fuq paġna li fiha hemm membri residenti Siġġiwin li kienu qegħdin jgħaddu kummenti b'relazzjoni dwar xogħol ta' manutenzjoni fuq l-Out-door-gym fi Triq Mons F.X. Mangion u li allegatament f'din il-mozzjoni qed jingħad li jien weġġajt is-sentimenti ta' numru ta' residenti li pparteċipaw fid-diskussjoni fuq dan il-post li qed nirreferi għalih bi kliemi.

Minn hawn nistqarr bla tlaqlieq li jien m'għandi l-ebda oġġezzjoni sabiex nitlob skuża jekk b'xi mod urtajt jew weġġajt bi kliemi lil xi residenti li kienu qed isegwu dan il-post. Irrid biss nispeċifika li bl-ebda mod ma' jien użajt xi kelma vulgari bl-għan li nweġġa li xi ħadd, filwaqt li indubjament qatt ma' kienet l-intenzjoni tiegħi li nurta s-sentimenti ta' xi persuni jew oħra.

Fuq quddiem nett ta' ħidmieti fi sbieħ ta' kull jum nżomm fuq quddiem nett l-ewwel u l-aqwa interess tal-lokalita' li jien onorat li mmexxi filwaqt li nassigura li b'ħidmieti flimkien ma' sħabi nkomplu nkattru l-ġid qalb il-komunita' Siġġwija li jien tant kburi li nagħmel parti minnha, li twelidt, trabbejt, ngħix illum u se nibqa' ngħix tul ħajti kollha.

Napprezza mmens ukoll l-appoġġ li rċevejt minn ħafna persuni ġejjin minn kull opinjoni politika, li f'dawn l-aħħar ġimgħat għaddewli jew bagħatuli messaġġi ta' kuraġġ sabiex inkompli naħdem b'impenn għal aktar ħidma u tiġdid b'risq is-Siġġiewi.

Dawn il-kummenti ngħożżhom f'qalbi filwaqt li jimlewni b'kuraġġ kbir sabiex fi żmien li ġej nkompli naħdem flimkien ma' dawk kollha ta' rieda tajba sabiex il-ġenerazzjonijiet futuri Siġġwin igawdu Siġġiewi isbaħ u aktar b'saħħtu fis-snin li ġejjin."

**401.11.3** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li tilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li s-Sindku aċċetta li kien għamel żball u li għamel apoloġija allavolja għaddew ġimgħat u li għamel l-apoloġija wara li tressqet il-mozzjoni. Hija talbet li l-mozzjoni titressaq għal vot.

**401.11.4** Fid-dawl tal-istqarrija, il-proponent talbet li jitneħħa punt 2 mill-mozzjoni oriġinali: "Il-Kunsill Lokali jitlob lis-Sindku jagħmel apoloġija pubblika għall-kummenti ta' tgħajjir lir-residenti tas-Siġġiewi." U ma' punt 3 jiżdiedu l-kliem "mibgħuta llum 21 ta' Diċembru 2020." U talbet li terġa tittieħed votazzjoni fuq il-mozzjoni kif emendata.

Is-Sindku talab vot fuq il-mozzjoni kif emendata.
Votazzjoni:
3 favur (Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia)
4 kontra (Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Kurstein Sant u Adrian Farrugia)

**401.11.5** Il-Kunsillier Kurstein Sant ddikjara li fl-ebda ħin ma jaqbel mal-kummenti li saru mis-Sindku u bi pjaċir jilqa' l-apoloġija mressqa. Madankollu, huwa jħoss li din il-mozzjoni hija diviżiva u ma jaqbilx mal-kontenut u għalhekk qed iressaq emenda għall-mozzjoni oriġinali.

Emenda għall-mozzjoni oriġinali:

Titneħħa s-sentenza "*Billi ftit ġimgħat ilu, is-Sindku kiteb kumment ta' tgħajjir li jidher f'Dokument A, anness ma' din l-mozzjoni*."

U minflokha jiżdiedu: "*Billi ftit ġimgħat ilu, is-Sindku kiteb kumment li jidher f'Dokument A, anness mal-mozzjoni*."

Titneħħa s-sentenza "*Billi dan l-kumment tas-Sindku ma jixraqx r-rwol tiegħu ta' rapprezentant tal-Kunsill Lokali, tar-residenti u tal-lokalitá.", billi dan il-kumment jista' jinftiehem bħala kumment disprjeġġattiv."*

Jitneħħa: "*Billi dan l-kumment, bir-raġun, nissel rabja kbira fost r-residenti u disapprovazzjoni li rapprezentant ewlieni tal-Kunsill Lokali u l-lokalità, jgħajjar lir-residenti b'dan il-mod.*
*Billi l-kumment tas-Sindku jbaxxi flok jagħmel ġieh lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.*
*Billi l-aġir u tgħajjir mis-Sindku sar fuq post fil-facebook dwar materja tal-Kunsill Lokali."*

U minflokha tiġi: *Billi dan il-kumment tas-Sindku sar fuq post fil-facebook dwar materja tal-Kunsill Lokali*."

Jitneħħa: "*Billi t-tgħajjir mis-Sindku jimpatta r-reputazzjoni tal-Kunsill Lokali u tal-kunsilliera b'mod kollettiv.*
*Billi t-tgħajjir mis-Sindku jista' jqajjem mistoqsijiet u dubju mir-residenti dwar jekk dak li nkiteb hux ukoll l-opinjoni tal-kunsilliera kollha.*"

U minflokha tiġi: "*Billi is-Sindku diġa talab apoloġija permezz ta' post fuq il-Profil tiegħu ta' Facebook."*

Jitneħħa:
*"1. Il-Kunsill Lokali jikkundanna u jiddisassoċja ruħu pubblikament mill-aġir mhux xieraq u t-tgħajjir mis-Sindku fil-konfront tar-residenti.*
*2. Il-Kunsill Lokali jitlob lis-Sindku jagħmel apoloġija pubblika għall-kummenti ta' tgħajjir lir-residenti tas-Siġġiewi.*

*3. Tintbaghat stqarrija mill-Kunsill Lokali lill-media, li tiġi ppublikata wkoll fuq social media (inkluz fil-pagna tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u l-paġna Siggiewi - Città Ferdinand fejn sar l-kumment ta' tgħajjir mis-Sindku), li tkun tgħid li l-Kunsill Lokali u l-Kunsilliera jikkundannaw u jiddassoċjaw ruħhom mill-kummenti ta' tgħajjir mis-Sindku Dominic Grech, fil-konfront tar-residenti, u tiġi annessa magħha l-apoloġija*

*pubblika tas-Sindku lir-residenti."*

U minflokha jiżdied:

*"1. Jilqa' l-apoloġija pubblika li saret mis-Sindku fuq dan il-Kumment.*

*2. Dan il-kumment ma sarx f'isem il-Kunsilliera u għalhekk ma jirriflettix is-sentiment ta' kull kunsillier u tal-Kunsill Lokali Siġġiewi."*

Emenda proposta mill-Kunsillier Kurstein Sant u ssekondata mill-Viċi Sindku u l-Kunsillier Adrian Farrugia.

Is-Sindku talab vot fuq l-emenda.
Votazzjoni:
Favur: 4 voti (Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Kurstein Sant u Adrian Farrugia)
Kontra: 3 voti (Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia)

Fid-dawl tal-votazzjoni, il-Kunsillier Kurstein Sant reġa enfasiżża li bl-ebda mod ma jaqbel mal-kumment li sar fuq il-media soċjali.

**401.12 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**401.12.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**401.12.2** Inġibdet l-attenzjoni fuq dawn l-applikazzjonijiet:
PA/06387/20 - Ta Matti & Sons, off, Triq Wied Xkora, Siggiewi, "*To sanction existing structure for sand drying and sand sieving equipment (Class 5C) on an area previously occupied by an old unused quarry.*" Il-Kunsillier Julian Borg qal li diġa hemm avviż ta' infurzar fuq din l-applikazzjoni, u propona li l-Kunsill isewgi l-applikazzjoni u jagħmel sottomissjoni tramite l-perit sal-4 ta' Jannar 2021.

**401.12.3** PA/7933/20 - Garage No.1, Sqaq il-Baghal, Siggiewi, "*Proposed change of use from stores to chicken farm*." Il-Kunsillier Julian Borg propona li l-Kunsill jara tramite l-perit tal-Kunsill x'inhu l-impjatt ambjentali.

**401.12.4** PA/06838/20 - 41/42, Pjazza San Nikola, Siggiewi, "*Restoration of facade, and rehabilitation of property including internal and external alterations through re-organising of rooms, addition of new staircase, extension to back-end of property, and pool at roof level including raising of parapet walls*." Il-Kunsillier Borg propona li jintalbu visuals minħabba l-effett fuq l-iskyline fil-Pjazza.

**401.13 Rapport tal-Korrispondenza**

**401.13.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**401.13.2** Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mill-Ministeru tal-Enerġija rigward installazzjoni ta' *charging pillars* fi Pjazza San Nikola. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt tal-problema eżistenti ta' parkeġġ fil-Pjazza. Il-Kunsillier Julian Borg propona li tintalab il-possibilta' li l-parkeġġi riżervati għaċ-*charging points* ikunu bil-ħin limitat mhux 24 siegħa. Il-Kunsill qabel li jekk hemm deċizjoni bħala policy nazzjonali li dawn ic-

*charging pillars* isiru f'kull lokalitá u jekk dawn iridu jsiru fil-qalba ta' Pjazza tal-lokalita, il-Kunsill Lokali għandu jipproponi li ssir it-talba tal-possibilita' li jkunu 'timed'.

**401.13.3** Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza minn Transport Malta li qed jiproponu li l-*belisha crossing* ta' Triq Sta Margerita qabel tibda Triq it-Tabib Nikola Zammit issir *traffic light pedestrian crossing* biex tkun iktar sigura minħabba li tintuża ħafna. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**401.13.4** Is-Sindku rrefera għal Ċirkulari Numru SPI/SCI/8/2020 Espressjoni ta' Interess - Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022. Is-Sindku qal li din l-applikazzjoni fiha ammont kbir ta' preparazzjoni u min jidħol għaliha jrid ikun lest għal *committment long term*. Huwa qal li l-applikazzjoni tagħlaq fit-8 t'April 2021.

**401.13.5** Is-Sindku rrefera għal komunika mill-Kummissarju tal-Ġustizzja rigward ittra mis-Sindku preżentata fis-seduti tat-tribunal Lokali li l-imputati "ma kienu qegħdin kimmommettu l-ebda ksur ta' Liġi" u qed jitolbu spjega u deċiżjoni tal-Kunsill.
Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li hi tħoss li kellha tirtira mid-diskussjoni fuq din il-materja hekk kif ir-raġel tagħha kien Avukat fit-Tribunal dwar din l-materja u dan sabiex ma jkunx hemm kunflitt.
Is-Sindku ressaq din il-kwistjoni għad-diskussjoni sabiex tittieħed deċizjoni f'dan ir-rigward. Filwaqt li kien hemm qbil li t-tabella indikata se tkun qeda tinżamm, għal fatt li din jeħtieġ li tkun osservata u anki għal fatt li din tinsab lil hinn minn fejn l-imsemmija residenti poġġew l-iskart tagħhom, filwaqt li t-tabella preżenti se tinbidel għal waħda ġdida, minħabba l-fatt li dik preżenti ma' tantx hi viżibli. Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li fl-area hemm problema dwar fejn residenti ipoġġu l-iskart għax jagħlaq l-aċċess tal-passaġġ, anka fid-dawl li fil-binja joqogħdu nies anzjani u anka bis-siġġu tar-roti. Is-Sindku propona li ssir spezzjoni fuq il-post biex tinstab l-aħjar soluzzjoni.

**401.14** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**401.15** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**401.15.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**401.15.2** Il-Kunsillier Julian Borg rrefera għal pagament lill-għaqdiet għat-tqassim ta' ittra ta' avviż dwar traffic management fi Triq it-Tabib Nikola Zammit, u qal li minn feedback minn diversi residenti, l-ittra ġiet riċevuta f'diversi toroq 5 ijiem wara d-data li kienet intenzjonata tasal. Huwa qal li għalkemm hija ħaġa pożittiva li jiġu inklużi l-għaqdiet lokali pero xorta għandu jingħata s-servizz mitlub biex jintlaħaq l-għan mixtieq.

**401.16** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**401.16.1** Il-kunsillier Kurstein Sant qal li hemm diversi ħofor fi Triq Blat il-Qamar quddiem iċ-ċimiterju Ta' Brija biex jiġu msewwija.

**401.16.2** Il-Viċi Sindku semmiet il-bżonn li ssir zebra crossing fi Triq Dun Manwel Zammit lejn il-ground issa aktar minn qabel minħabba l-influss kbir ta' traffiku.

**401.16.3** Il-Kunsillier Kurstein Sant propona li l-biċċa ta' Triq il-Fawwara ħdejn ir-Ruħ tiġi *one way* minħabba li l-wisa tagħha ma jippermettix traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet.

**401.16.4** Il-Kunsillier Julian Borg qal li hemm bżonn *patching* fi Triq il-Fawwara ħdejn iċ-ċimiterju ta' San Dawdar fejn ma ingħatax wiċċ, fi Triq Ta' Kandja u Ta' Brija li ssemmiet qabel. Hu qal li idejalment il-*patching* isir bil-*hot rolled asphalt* biex iżomm iktar.

**401.16.5** Il-Kunsillier Julian Borg qal li hemm bżonn tinbidel mera mkissra f'Tal-Bajjada jew jitneħħa l-arblu ma' liema kienet marbuta l-mera li nkisret.

**401.16.6** Huwa qal li hemm talba minn residenti biex jinżebgħu *parking bays* fi Triq Ġużeppi Aquilina.

**401.16.7** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li qed jikkuntattjaha is-sid tal-għalqa fejn tranġa l-ħajt f'Tal-Bajjada minħabba ġebel li tħalla mill-kuntrattur. Hija talbet biex din il-kwistjoni tiġi riżolta mingħajr dewmien.

**401.16.8** Il-Kunsillier Adrian Farrugia staqsa l-possibilita' li mat-traffic island fi Triq id-Difa ma' Triq Salvu Curso isiru xi *parking bays* biex jintrebaħ wisa ta' parkeġġ peress li hemm problema kbira. Huwa semma possibilta' simili fi Triq il-Ħsad.

**401.16.9** Il-kunsilliera Francine Farrugia qalet li t-trasport pubbliku għadu qed jgħaddi fid-direzzjoni l-ħażina minn Triq it-Tabib Nikola Zammit. Hija talbet biex jerġgħu jiġu avżati.

**401.16.10** Il-Kunsilliera Francine Farrugia infurmat lill-Kunsill li ser tniedi inizjattiva ta' tpenġija edukattiva għat-tfal, bl-involviment ta' għalliema tal-arti li kienet tagħti l-lezzjonijiet il-Kunsill. Hija qalet li l-inizjattiva tinvolvi tpinġijiet b'tema ambjentali jew edukattiva bħala senjaletika li mbagħad jistgħu jintużaw biex isiru sinjali fil-lokal. Il-poster ser jiġi ppublikat fin-*newsletter* li jmiss.

**401.16.11** Il-Kunsilliera Francine Farrugia infurmat li Fr. Martin Micallef rebaħ il-Premju Soċjeta' Ġusta wara n-nominazzjoni li saret minnha f'isem il-Kunsill. Il-Kunsilliera wasslet l-apprezzament ta' Fr. Martin għal dan il-premju prestiġġjuż.

**01.16.12** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk hemmx xi *update* rigward ix-xogħol fuq ir-*roundabout* fi Triq Lapsi qabel tidħol għal kappella tal-Providenza. Is-Sindku wieġeb li x-xogħol fi triq Lapsi previst li jibda għat-tieni ġimgħa ta' Jannar u dan ix-xogħol l-aħjar li jsir mal-andament tal-kumplament tax-xogħol.

**401.16.13** Hija qalet li sikwit qed ikun hemm qtugħ ta' dawl fi Triq Lapsi fiż-żona Ta' Belula li jkun ta' inkonvenjent għal familji anzjani li joqgħdu f'dawn l-inħawi.

**401.16.14** Saqsiet ukoll jekk kienx hemm xi żvilupp rigward it-talba tal-*bus shelter* quddiem id-Dar tal-Providenza. Is-Sindku qal li mill-aħħar komunikat l-area mhix konformi biex issir *bus shelter* għall-fatt li m'hemmx bankina. Ser issir talba lill-IM biex jiġi kkunsidrat li tiġi inkluża fl-andament tax-xogħol.

**401.16.15** Il-kunsillier Julian Borg talab li teħel tabella '*no right turn'* fi Triq Ħal Xluq għal Triq it-Tabib Nikola Zammit.

**401.16.16** Il-Kunsillier Kurstein Sant talab li jsiru tabelli direzzjonali fiż-żona ta' Triq Dun Manwel Zammit biex jigwidaw lis-sewwieqa.

**401.17** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.20 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2020 fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 25 ta' Jannar 2021

| | |
|---|---|
| Dominic Grech | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |